# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 28 ta' Jannar 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**
**vs**
**Maximilian Johan Evers**

**Drogi Numru 95/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Maximilian Johan Evers, ta' 18 il-sena, iben Johan Dirk Reinier u Lucienne (Luciana) nee Ellul imwieled Pieta nhar l-20 ta' April 2000, residenti Santander, Triq il-Vlontin, Fleur De Lys, detentur tal-karta ta' identita b'numru 0156200L.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'l-20 ta' Awissu 2018 u/jew fix-xhur ta' qabel:

a. kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Biegh jew xorta ohra traffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(e) ta' l-Odinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
c. Ikkommetta reat fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh jew ikkommetta reat li jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, f'l-amministrazzjoni jew f' li wiehed joffri li jaghmel xi wahda minn dawn l-atti lil minuri lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi program ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni tirreferi ghal *trafficking by sharing* u li konsegwentment it-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi stante li dan huwa kaz ta' trafficking by sharing t-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni x-xorta u l-kwantita ta' droga misjuba fil-pussess ta'l-imputat, u hadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li dan huwa kaz ta' *trafficking by sharing* u li ghalhekk ghandu japplika l-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tiliberah minnha, wara li rat l-artikoli 8(d)(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u l-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni

ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Il-Qorti wissiet lill-imputat ukoll illi id-disposizzjonijiet tal-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw fil-konfront tieghu ghal darba wahda biss.

In konkluzzjoni l-Qorti, qed **tordna d-distruzzjoni tad-droga u oggetti esebita Dok AS1** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**